# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-QBEJJEL GHALL-GZEJJER TA' GHAWDEX U KEMMUNA)

**IMHALLEF**

**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 9 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 3**

**Rikors Nru. 1/86G PC**

**Anthony Grima**

**vs**

**Giovanni Grima u b'digriet tal-15 ta' Mejju, 1995, gew nominati kuraturi deputati l-Avukat Dr. Joselle Farrugia u l-P.L. Gerald Bonello sabiex ikomplu l-kawza minflok il-mejjet Giovanni Grima u b'digriet tat-3 ta' Novembru, 1995 inhargu mill-kawza l-kuraturi deputati u l-atti gew trasfuzi f'isem Joseph Grima**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Qbejjel ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna moghtija fl-24 ta' Mejju, 2000, fil-kawza bl-ismijiet premessi, liema decizjoni taqra kif gej:-

"Ic-Chairman;

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrent, wara li ppremetta illi huwa proprjetarju tar-raba msejjah "Tat-Taflija" sive "Tal-Gnien" limiti Victoria, Ghawdex tal-kejl superficjali ta' cirka tomnejn, sighan u erba' kejliet (2t.2mon.4mis) konfinanti in parti ma' Taflija Road, in parti ma' beni ta' l-intimat Giovanni Grima, tramuntana in parti ma beni ta' Giovanni Grima u in parti ma' proprjeta' tal-Gvern u punent ma' beni tal-Gvern, eskluza pero' parti ta' cirka siegh konfinanti mix-xlokk ma' Taflija Road, tramuntana ma' beni ta' l-intimat Giovanni Grima u mill-punent u nofsinhar ma' beni tar-rikorrenti Anthony Grima oggett ta' l-Avviz Inferjuri numru 19/1980 pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri ta' Ghawdex.

Illi din il-proprjeta' flimkien ma' porzjoni ohra mir-raba' "tat-Taflija" llum proprjeta' ta' l-intimat kien originarjament ihallas il-qbiela ta' sitt liri u hamsa u ghoxrin centezmu fil-15 ta' Awissu ta' kull sena, izda l-intimat arbitrarjament beda jiddeposita l-Qorti s-somma ta' hames liri Maltin (Lm5) bhala qbiela ta' din ir-raba fuq deskritta.

Illi l-esponenti ghandu bozzn din ir-raba' sabiex jahdimha hu personalemnt kif ukoll membri tal-familja tieghu.

Illi l-esponenti jrid ukoll jaghmel xi kostruzzjoni fir-raba imsemmi skond ma jidher mid-dokument "A" hawn anness li huma Building Permit mahrug mid-Dipartiment tax-Xoghlijiet, liema kostruzzjonijiet sejrin isiru skond l-inciz (6) ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att Numru XVI ta' l-1967.

Talab li dan il-Bord joghgbu jawtorizza lill-esponenti jirriprendi l-pussess tar-raba imsemmi "Tat-Taflija' sive "Tal-Gnien" wara l-iskadenza li jmiss u cioe' fil-15 ta' Awissu 1986, wara li jigi likwidat il-kumpens talvolta dovut lill-intimat.

Ra r-risposta ta' l-intimat fejn qal illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-imsemmi rikorrenti billi:

1. Mhux veru li r-rikorrenti ghandu bzonn din ir-raba sabiex jahdimha hu personalment kif ukoll membri tal-familja tieghu u dwar dan diga' kien hemm rikors deciz minn dan il-Bord li cahad it-talba tar-rikorrenti (ara rikors

numru 8/1980 fl-istess ismijiet deciz minn dan il-Bord fil-26 ta' Jannar 1983 li tieghu l-intimat jitlob l-allegazzjoni).

2. Mhux veru li l-imsemmi rikorrenti jista' jiehu dan ir-raba lura minhabba permess tal-bini billi dan ir-raba huwa saqwi ai termini ta' l-Artikolu 4 (b) ta' l-Att XVI ta' l-1967.

Ra l-atti l-ohra kollha processwali.

Ikkunsidra:

Illi l-ewwel kompitu li ghandu c-Chairman huwa li jiddeciedi dwar l-eccezzjoni tar-"res judicata" li tqajmet mill-intimat fir-Risposta tieghu ghal dan ir-rikors.

Din l-eccezzjoni saret ghaliex l-intimat kien jippretendi li dan il-kaz kien gia gie trattat u deciz b'sentenza ta' dan il-Bord moghtija fis-26 ta' Jannar 1983, fejn kienet giet michuda t-talba ghar-ripresa maghmula mill-istess rikorrent.

Huwa maghruf sewwa illi sabiex tirnexxi tali eccezzjoni fiz-zewg kawzi irid ikun hemm l-istess oggett, l-istess partijiet u ragunijiet identici li fuqhom tkun ibbazata l-kawza, dak li fid-duttrina legali nsibuh bhala "eiusdem res, personae, causa petendi". M'hemmx dubbju illi sew l-ewwel rikors kemm dak prezenti jirrigwardaw l-istess bicca raba' "tat-Taflija" sive "Tal-Gnien", limiti ta' Victoria, Ghawdex. Hekk ukoll kellna l-istess partijiet: Anthony Grima minn naha u Giovanni Grima minn naha l-ohra, ghalkemm biex wiehed ikun preciz, dan ta' l-ahhar miet fil-mori tar-rikors u dahal minfloku t-tifel tieghu, Joseph Grima, l-intimat prezenti.

Ghar-rigward tat-tielet element tar-"res judicata" tinholoq pero' daqsxejn ta' diffikulta. Fil-parti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell iccitata mill-intimat fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu tas-17 ta' Mejju 1990 (a fol 300 tal-process) jinghad dwar din il-kwistjoni illi:

"L-essenza ta' talba ghar-ripresa ta' pussess ghal xi wahda mir-ragunijiet rikonoxxuti minn din il-ligi specjali hija li tigi terminata l-lokazzjoni. Ma' kull skadenza ma jigix kreat kuntratt ta' lokazzjoni gdida izda hi l-istess lokazzjoni li tiggedded ghal perjodu iehor. Hemm certament kazijiet

meta talba ghal ripresa ta' pussess li tkun giet rigettata tista' terga tigi ripetuta u dana jigri, per ezempju, meta t-talba tkun biex is-sid jirriprendi pussess ta' fond ghax ikollu bzonnu ghalih u ma jirnexxix, imbaghad jerga' jaghmel talba ohra ghax ikunu tbiddlu c-cirkostanzi, cioe' tkun tbiddelt dik li hi l-vera kawzali. Decizjonijiet ta' dik ix-xorta jinghataw "rebus sic statibus". Izda dan ma ghandux x'jaqsam mal-kaz prezenti fejn m'hemm ebda tibdil "causa petendi" ("Carmelo Grech noe vs Francis Lepre" 14.3.1966).

Ir-rikorrent ukoll jiccita favorevolment din is-sentenza imma jaghti interpretazzjoni ghal kollox differenti minn dak li donnu irid jaghti l-intimat. Hekk insibu illi l-intimat isostni illi gialadarba tkun inghatat decizjoni ibbazata fuq il-"bzonn" tar-rikorrent, bhalma ghandna fil-kaz in ezami, dan ma jistax jerga jittenta talba ohra ibbazata ukoll fuq l-istess kawzali tal-bzonn. Minn naha l-ohra r-rikorrent huwa tal-fehma illi talba ibbazata fuq l-istess kawzali tista' tirnexxi kemm-il darba c-cirkostanzi jkunu inbidlu minn meta giet ippronunzjata l-ewwel decizjoni. Ic-Chairman ihoss illi din ta' l-ahhar hija l-interpretazzjoni korretta tenut kont tal-fatt illi f'kazijiet bhal dawn taht il-ligi specjali tal-qbiela, fejn il-possibilta li talba ghar-ripresa tiddependi daqstant fuq ic-cirkostanzi attwali taz-zewg nahat, is-sid m'ghandux jibqa' marbut ghal dejjem li jgedded il-kirja lill-inkwlin ghax l-ewwel darba ma rnexxiex fit-talba tieghu, jekk imbaghad ikun hemm bdil sostanzjali fic-cirkostanzi li jimmeritaw li talba sussegwenti tigi milqugha.

Fil-kaz in ezami insibu illi originarjament fit li xejn jidher li kien hemm bdil fic-cirkostanzi bejn talba u ohra, hlief illi r-rikorrent kien lahaq sadanittant ottjena permessi ghall-bini ta' serer fuq partijiet mill-art in kwistjoni, li pero' fil-mori tas-smiegh tar-rikors gew irtirati. Madanakollu wara li miet l-intimat originali u dahal floku t-tifel tieghu l-intimat prezenti, ma jistax jinghad aktar illi c-cirkostanzi baqghu l-istess, kif del resto jammetti l-istess intimat meta permezz tal-legali tieghu nsista illi minhabba z-zmien li kien lahaq ghadda minn meta nghatat l-ewwel decizjoni f'dan ir-rikors, li giet sussegwentement annullata mill-Qorti ta' l-Appell, huwa xtaq iressaq provi ohra qabel ma tinghata decizjoni (ara verbal ta' Dr Mario Scerri fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru 1998).

Ic-Chairman huwa ghalhekk tal-fehma illi sabiex tirnexxi talba ghar-ripresa tal-pussess ibbazata kif inhi fil-kaz prezenti fuq il-kawzali tal-bzonn tas-sid (u wara li giet irtirata l-kawzali l-ohra ibbazata fuq il-permessi tal-bini, permezz tal-verbal tar-rikorrent tal-25 ta' Novembru 1987, din baqghet l-unika kawzali), iridu jittiehdu in konsiderazjoni c-cirkostanzi attwali tal-partijiet, u cioe' l-bzonn prezenti tas-sid u jekk l-art hijiex fonti mportanti ta' l-ghejxien ta' l-intimat li ghandna llum u mhux dak originali li lahaq miet u certament ma jinhtieg aktar ebda raba. Hekk ukoll l-ezami komparattiv tal-"hardship" rispettiv tal-partijiet irid isir fuq il-fatturi ezistenti fil-prezent.

Ghal dawn ir-ragunijiet jichad din l-eccezjoni tar-res judicata, biex b'hekk jista' issa jipprocedi ghad-decizjoni tal-kaz fuq il-mertu.

Ir-rikorrent meta xehed fid-19 ta' Marzu 1986, sostna illi huwa jinhtieg ir-raba de quo biex ikabbar fiha prodotti agrikoli u kien bi hsiebu jibni "glasshouse" fuqha. M'ghandux impieg fiss u jirregistra bhala "unemployed". Hu jaghmel biss xoghol sporadiku li jigi ghal idejh, bhal xoghol fl-aluminium u bhala zebbiegh. Jaghmel ukoll xi xoghol fir-raba billi jikkoltiva bicca raba "tal-Bakkari" fix-Xewkija li ghandu f'idejh.

Dan kollu jirrizutla sufficjenti biex jigi sodisfatt il-provvediemnt ta' l-Artiklu 4(2)(a) tal-Kap 199, fis-sens illi r-rikorrent wasal ghall-prova li jehtieg ir-raba biex jigi uzat ghal skopijiet agrikoli minnu personalment.

Ghaldaqstant irid issa jigi ezaminat jekk l-intimat wasalx ghall-prova li r-raba in kwistjoni huwa fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu. Din hija prova essenzjali li ghaliha ikun irid jasal il-kerrej qabel ma jista' jigi ammess biex iwassal lic-Chairman li jipparaguna t-tbatija rispettiva tal-kontendenti f'kaz ta' telf tal-pussess tar-raba. Infatti l-ligi rilevanti fl-artiklu 4 tiddisponi l-ordni taz-zewg provi li ghalihom irid jasal il-kerrej biex jirribatti b'success it-talba ghar-ripresa tal-pussess mis-sid u tesigi li fl-ewwel lok il-kerrej irid jipprova illi "r-raba li dwaru sar ir-rikors, ikun fonti importanti tal-ghejxien tieghu u tal-familja tieghu" u wara irid ukoll (u mhux alternattivament) igib bizzejjed provi biex "il-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera" kieku r-rikors jigi milqugh.

Huwa evidenti l-iskop tal-Ligi meta esigiet preliminarjament li l-kerrej f'kaz li s-sid ukoll irid ir-raba ghal skopijiet agrikoli, jipprova li dan ir-raba ikun fonti importanti tal-ghixien tieghu, u dan bili fl-imsemmija ipotesi, il-kerrej li jahdem ir-raba principalment ghad-delizzju, billi r-rikavat ikun insinifikanti, m'ghandux jinghata protezzjoni mil-Ligi meta s-sid irid jiehu pussess tar-raba tieghu ghal skopijiet agrikoli wkoll, izda minghajr ebda htiega li l-istess sid jaghti indikazzjonijiet precizi ta' l-estensjoni tal-uzu minnu intiz.

Il-paragun tat-tbatija jew 'hardship' rispettiv tal-kontendenti, isir biss essenzjali fit-tieni stadju, wara li l-kerrej ikun ipprova li qed jahdem ir-raba bis-serjeta, u jekk il-kerrej ma jkunx wasal ghal din il-prova ta' serjeta, ic-Chairman ma jistax jidhol ghall-ezami tal-hardhsip rispettiv.  Imma jekk jirrizulta xi bzonn tas-sid fis-sens tal-Ligi, huwa ghandu minnufih jilqa' t-talba tas-sid u jawtorizzah jirrprendi l-pussess tar-raba.  Huwa ghalhekk illi l-Ligi uzat il-konguntiv "u" u mhux "jew" bejn iz-zewg stadji tal-prova rikjesta mill-kerrej.

Fil-kaz in ezami l-intimat prezenti li ssucceda fil-pussess tar-raba de quo wara l-mewt ta' missieru, Giovanni Grima, stqarr illi jikkoltivah u fih ikabbar maghlef u prodotti ta' l-ikel. Fid-deposizzjoni tieghu moghtija fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 1999, spjega illi dan ir-raba jkabbar fih prodotti ta' l-ikel ghall-familja tieghu u maghlef ghall-bhejjem li huwa jrabbi, kif ukoll ibiegh il-maghlef u mill-prodotti ta' l-ikel ukoll.  Barra milli juza l-imghalef ghall-annimali li jrabbi u prodotti ta' l-ikel ghall-konsum tieghu u tal-familja tieghu, huwa jbiegh ukoll parti mill-prodott bhal patata u basal u anke parti mill-maghlef u jikkalkula li jdahhal madwar tmien mitt lira Maltija (Lm800) fis-sena minn dan il-bejgh.  Apparti l-flus li jiffranka mill-ucuh li jiehu mir-raba, d-dhul mil-bejgh ghinu fl-introjtu tieghu, billi jaqla' biss il-paga minima bhal kennies mal-Gvern.

Li dan ir-raba huwa tassew ikkultivat u mizmum sew irrizulta evidenti mid-deskrizzjoni moghtija mill-membri teknici tal-Bord fil-verbal ta' l-access mizmum minnhom fuq il-post fl-4 ta' Frar 1998.  Fir-rapport taghhom infatti jghid:

"......Dan ir-raba kollu in kwstjoni waqt l-access kien jidher li hu mizmum fi stat tajjeb mill-intimat.  Nofsu huwa mizrugh maghlef, jigifieri silla u xghir, u dan skond l-intimat huwa jaghmlu kull sena, liema maghlef l-intimat juzah ghall-

bhejjem tieghu, xi naghag u fniek, filwaqt li fin-nofs l-iehor ikabbar hxejjex, bhal patata u tadam, ghall-uzu tal-familja tieghu u meta l-giebja, li hemm fl-ewwel appezzament, ikun fiha l-ilma, hu qal li jkabbar hxejjex anke fis-sajf, …..”

Dan kollu jindika illi l-intimat mhux jaghmel uzu minn din ir-raba ghas-semplici moghdija taz-zmien jew bhala delizzju, imma qed jissfruttaha sew u jiehu dak kollu li jista’ minnha. Il-fatt illi ghandu ilma bl-abbundanza jghinu mhux ftit fil-kultivazzjoni shiha ta’ l-istess raba. Fil-fehma tac-Chairman ghalhekk, irrizulta illi l-intimat pprova sodisfacetement illi dan ir-raba huwa fonti importanti ta’ l-ghixien tieghu.

Jibqa’ ghalhekk biss sabiex, skond ili-ligi, jig pparagunat il-hardship rispettiv tal-partijiet. Ir-rikorrent huwa mizzewweg u dipendenti minnu ghandu l-mara tieghu u zewgt itfal li ghadhom l-iskola. Minkejja li huwa ufficjalment disimpjegat u infatti jirregistra ghax-xoghol, jghix mill-beneficcji socjali u minn dhul iehor li jkollu billi jaghmel xoghol sporadiku fl-aluminium u bhal zebbiegh u jikkoltiva wkoll xi raba li ghandu fil-pussess tieghu. Mix-xhieda ta’ Mark Grech “supplier ta’ l-aluminium” f’Ghawdex, irrizulta illi r-rikorernt kien klijent regolari tieghu u kien jaghmel ordinjiet sostanzjali tal-valur ta’ cirka elfejn lira (Lm2000), f’sena ghalkemm dan l-ahhar kien naqqas u beda minflok jixtri l-aluminium t-tifel tieghu. Irrizulta wkoll illi r-rikorrent jipposjedi numru ta’ basement flats f’Marsalforn illi jikri skond id-domanda.

Minn naha l-ohra nsibu l-houselhold ta’ l-intimat, konsistenti fl-intimat, martu u ommu, li tinsab kostretta go wheelchair u zewg it-tfal zghar, wahda minnhom inkapacitata, li tirrkjedi kura kontinwa u spejjez regolari ghall-physiotherapy. L-uniku ntrojtu tieghu, apparti d-dhul minn dan ir-raba hija l-paga minima li jdahhal minghand il-Gvern. Ommu li tghix mieghu ghandha l-pensjoni tar-romol.

F’dawn ic-cirkostanzi c-Chairman huwa tal-fehma illi minkejja li r-rikorrent m’ghandu ebda xoghol fiss, jidher illi kien kapaci jiggenera introjtu sufficjenti u regolari u n-nuqqas tar-raba, li taghha qed jitlob ir-ripresa, ghal dawn is-snin kollha kemm ilhu pendenti dan ir-rikors, ma jidhirx illi effetwatlu l-livell ta’ l-ghixien tieghu. Ghall-kuntrarju t-tehid ta’ l-istess raba minghand l-intimat zgur ser teffetwah hazin, mehud kont ukoll tal-fatt illi d-dhul li jaghmel mill-koltivazzjoni tar-raba in kwistjoni jifforma percentwali

daqstant sostanzjali mid-dhul kollhu tieghu. F'tali sitwazzjoni m'hemmx dubbju illi t-tbatija ghall-intimat tkun ghalhekk ferm aktar kbira jekk it-talba tar-rikorrent tigi milqugha, milli tkun ta' l-istess rikorrent jekk it-talba tigi michuda.

Ghal dawn il-motivi, jiddeciedi r-rikors billi jichad it-talba tar-rikorrent ghar-ripresa tar-raba indikata fir-Rikors.

Bl-ispejjez kontra tieghu".

Minn dik is-sentenza, permezz ta' rikors ipprezentat fis-6 ta' Gunju, 2000, appella r-rikorrent Anthony Grima, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' l-appell tieghu ghar-ripresa tal-pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellat.

Fl-24 ta' Lulju, 2000 l-intimat appellat ipprezenta risposta tieghu ghall-appell rikorrenti, li fiha ta r-ragunijiet ghala, fil-fehma tieghu, l-appell ghandu jigi respint bl-ispejjez.

L-appellant jibbaza l-appell tieghu fuq is-sottomissjoni li l-Bord interpreta hazin id-definizzjoni ta' "bzonn" fil-kaz li s-sid ghandu bzonn ir-raba ghalih jew ghall-membri tal-familja tieghu. F'dan ir-rigward, jissottometti l-appellant, il-bzonn mhux bzonn li jirrikjedi xi grad akut ta' htiega, izda bizzejjed li s-sid juri b'mod konkret li t-talba tieghu ghar-ripresa tal-pussess m'hijiex xi wahda frivola jew vessatorja, izda li hi wahda li tinkwadra ruhha fil-mezzi ta' ghixien li huma disponibbli ghalih.

L-appellant jissottometti wkoll li l-Bord diversament presjedut kien diga' ppronunzja ruhu dwar din il-kwistjoni precedentement permezz tas-sentenza tieghu moghtija fil-11 ta' Mejju, 1988. Dik is-sentenza, kienet skartat fuq punt ta' teknikalita', izda ta' min jirrileva li f'dak il-kaz il-Bord, wara li kien qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, senjatament il-familja ta' l-intimat konsistenti f'erba' persuni (illum ridotta ghal tlieta), tippossjedi bizzejjed raba ghall-htigijiet taghhom, u li l-istess familja mhix mghobbija bil-piz ta' hlas ta' kera, u li ghandha introjtu ta' pensjoni u salarju, ikkonkluda li r-rikavat dikjarat f'dak ir-rigward ta' Lm200 fis-sena ma setghax iwassal ghall-konkluzjoni li dan ir-raba kien fonti mportanti ghall-ghixien tal-familja ta' l-intimat. Fil-mori tas-smiegh tar-rikors f'dan il-kaz partikolari miet l-intimat innifsu, cioe' l-intimat originali. Allura l-piz finanzjarju irid jintrefa' u jigi konsidrat bhala merfugh mill-familja ntiera u ghalhekk certment naqas.

L-appellant jissottometti wkoll li ma jistax jara kif fil-fatt ir-rikorrenti, fil-fehma tal-Bord, tul daz-zmien kollu li ilu pendenti dan ir-rikors, holoq mezz ta' ghixien b'diveri xogholijiet *odd jobs* bhal ma huma dawk ta' l-*aluminium* u dak taz-zebgha, ghandha tinfluwixxi fil-gudizzju ta' min ghandu l-aktar bzonn. Huwa jistaqsi: "Ghandu wiehed jistenna lir-rikorrent joqghod b'idejh marbuta u ma jaghmel xejn tul dan iz-zmien kollu?'.

Certament, u din il-Qorti ser tibda bl-ahhar sottomissjoni, l-ebda gurisprudenza ma tirrikjedi li biex is-sid jirriprendi pussess ta' art agrikola, irid pratikament l-ewwel u qabel kollox, jirrendi ruhu inattiv fis-sens li jirrendi hajtu ghal wahda non produttiva biex ikun, speci, jista' jikkompeti ma' l-intimat fid-dritt ghar-ripresa ta' l-art li jkun irreklama. Ir-realta' tal-ligi u tal-gurisprudenza f'dan il-kuntest hija wahda u cioe', illi l-Bord, jew meta jkun hemm appell din il-Qorti, jiehu kont tas-sitwazzjoni ghal dawk li huma mezzi u dak li huwa bzonn, skond kif dawn ikunu jemergu fil-mument illi l-punt ikun qieghed jigi elaborat quddiemhom.

Din il-Qorti wkoll trid tinnota li ghalkemm l-appellant jikkritika l-Bord fir-rigward ta' kif huwa wasal biex jikkonsidra l-element tal-bzonn, din il-Qorti ma tarax, minn ezami tas-sentenza appellata, li din is-sottomissjoni hija b'xi mod suffragata minn dak li hemm fis-sentenza, cioe', fil-korp taghha. Infatti dak li hemm fis-sentenza appellata bl-ebda mod ma jindika li l-Bord kien qieghed jippretendi li l-bzonn, l-element tal-bzonn li s-sid irid jipprova m'huwiex dak ordinarju li l-gurisprudenza dejjem abbraccjat, imma xi wiehed straordinarju. Din is-sottomissjoni m'hijiex korretta.

Fir-rigward ta' l-ezami li ghamel il-Bord, kwantu jirrigwarda l-kwistjoni ta' kemm jikkostitwixxi fonti mportanti fl-ghixien tal-kerrej, kif ukoll fl-ezami komparattiv li ghamel fir-rigward ta' l-element ta' *hardship,* din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni, minghajr ma jidhrilha li ghandha ghalfejn telabora aktar minn dak li qeghdha tghid, illi certament m'huwiex il-kaz li l-apprezzament maghmul mill-istess Bord jimmerita, b'xi mod, li jigi disturbat. L-apprezzament fil-fehma ta' din il-Qorti sar b'mod ottimu, din il-Qorti tikkondividih pjenament, u minghajr ezitazzjoni tiddikjara li anke hi kienet tasal ghall-istess konluzjoni.

Hemm punt wiehed zghir li tqajjem fil-mori ta' dan l-appell u li jirrigwarda prova li l-appellant talab, u gie koncess lilu li jaghmel, fil-mori ta' dan l-appell, biex jipprova li ghal xi zmien minn meta sar dan l-appell l-intimat appellat halla r-raba zdingat.

F'dan ir-rigward ghandu jigi osservat illi din il-Qorti tinsab sodisfatta mhux biss mis-sottomissjoni, imma anke mill-prova relattiva in support ta' l-istess sottomissjoni pprezentata mill-intimat appellat, illi dan kien aktarx dovut ghall-fatt li ghall-perjodu konsiderevoli ta' xhur, kif jirrizulta mic-certifikati medici annessi, hu ma kienx f'kondizzjoni fizika illi jahdem dan ir-raba. Ic-cirkostanzi huma tali li din il-Qorti thossha konvinta illi din is-sottomissjoni ta' l-appellant f'dan ir-rigward, konfrontata ma' din il-prova medika opposta mill-intimat appellat, mhix bizzejjed biex

tikkonvinci lil din il-Qorti tvarja r-rizultanzi u l-konkluzzjonijiet kontenuti fis-sentenza appellata li ghalhekk ser tigi konfermata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess appellant.

Dep/Reg

mm